**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 49**

**Data: 23 ta' Frar 2023**

**Hin: 09.00am**

**Post: Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

49.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

49.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

49.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

49.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

49.5 Korrispondenza u Rapporti;

49.6 Unaudited Financial Statements;

49.7 Attivitajiet;

49.8 Progetti;

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

49.9 Offerti;

49.9 Skeda ta' Pagamenti;

49.10 Materji ohra;

49.11 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**49.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

49.1.1 Il-Vici-Sindku Louis Apap talab li jigi skuzat u l-Kunsillier Joseph Mizziu bghat email sabiex javza li jinsab imsiefer u ghaldaqstant talab li jigi skuzat. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jigi skuzat.

**49.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

49.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**49.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

49.3.1 L-arblu ghal entratura tal-lokalita jinsab mat-triq u hekk kif jasal ghandu jibda x-xoghol relatat minnufih. Dan sabiex ikun imzanzan ghall-festa tar-rahal din is-sena. Is-Sindku issugerixxa li nibdew nahsbu ghall-bandiera li trid issir ghal t'apposta. Il-Kunsill qabel li ghandhom isiru l-arangamenti mehtiega.

49.3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsill u l-Assocjazzjoni EspressjonArti ircieva stedina sabiex izuru l-Awstralja u il Gappun. Id-dati ghadhom iridu jkunu stabiliti. Is-Sindku stieden lill-Kunsiliera sabiex jakkumpanjaw din id-delegazzjoni. Is-Sindku u Tonio Mifsud urew l-interess taghhom filwaqt li intqal li aktar dettali jinghataw aktar 'il quddiem. Il-Kunsill qabel li jsiru l-ghajnuniet mehtiega .

**49.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

49.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

**49.5 Korrispondenza u Rapporti**

49.5.1 Giet trattata korrispondenza minghand Mikelangelo Muscat fejn talab l-ghajnuna tal-Kunsill sabiex jitella' kuncert fis-17 ta' Marzu gewwa l-Knisja Parrokkjali u Bazilika ta' l-Gharb. Dan il-Kuncert ser ikun organizzata flimkien mall-fondazzjoni Nazzareth. Il-Kunsill iddiskuta din il-korrispondenza u qabel li ghandu jigi kkuntatjat l-Arcipriet u jekk ikun kollox sew ghandu jaghti l-ghajnuna sabiex jitella' l-kuncert.

49.5.2 Giet trattata korrispondenza mill-Awtorita’ tal-Ippjanar dwar Avviz ta’ Infurzar ta’ Triq Trux. Is-Sindku pogga l-korrispondenza fuq il-mejda sabiex il-membri jkunu jistghu jarawha.

**49.6 Unaudited Financial Statements**

49.6.1 Gew spjegati l-unaudited financial statements fejn gie spjegat li s-sitwazzjoni qeghda tajba u l-Kunsill ghandu profit ta’ madwar €100,000. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill approva unanimament l-unaudited financial statements.

**49.7 Attivitajiet**

49.7.1 Bhala attivitajiet marbuta mall-Ghid ser isir kuncert mill-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill is-Sibt 1 ta’ April fil-Knisja Parrokkjali u Bazilika ta’ l-Gharb.

49.7.2 Attivita’ ohra hija l-Infiorata tal-melh li bhal kull sena ssir Hadd il-Palm nhar il-Hadd 3 ta’ April mill-Assoccjazjoni EspresjonArti

49.7.3 Fl-ahhar tax-xahar ta’ April ser jinzamm il-kungress ta’ l-Infiorata bejn it-28 ta’ April u l-1 ta’ Mejju. Is-Sindku aggorna lill-membri dwar l-preparamenti li qed isiru ghal dan l-attiita’ fejn spjega li l-attivita’ ser issir gewwa r-Rabat Ghawdex fejn parti ser isir fi Pjazza Indipendenza u l-parti l-ohra mat-triq tat-tela’ tac-Cittadella. Gie spjegat li ser isiru inviti lill-partecipanti pero’ ghadna qed nistennew konferma dwar sponsor mill-Ministeru ghal Ghawdex. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel ma’ l-attivitajiet kollha imsemmija.

49.7.4 Attvita’ ohra fix-xhur li gejjin hija tal-Community Day fejn gie spjegat li din ser ikollha tigi posposta. Il-Kunsill iddiskuta l-ahjar data meta tista’ tigi organizzata fejn qabel li ghandha ssir gimgha wara fis-7 ta’ Mejju 2023. Il-Kunsill qabel li jigu nfurmati l-Community Police u jekk ikun hemm qbil tigi organizzata f’dik il-gurnata.

**49.8 Progetti**

49.8.1 Is-Sindku qal li qeghdin fil-fazi finali tal-progetti u l-bierah saret zjara minn ufficjali tal-ARPA fuq il-progett tal-Meeting Hub u ta’ l-Astronomy Park. Gie spjegat li bhalissa l-Astronomy Park qeghda ssir il-bazi tieghu li fuqha ser tehel l-istruttura filwaqt li l-Meeting Hub ghandhu jitlesta sa l-ahhar ta’ Marzu. Gie spjegat pero’ li l-ufficjali ta’ l-ARPA infurmawna sabiex issir talba ghall-estensjoni sabiex jilhqu l-pagamenti. Is-Sindku ssugerixxa li l-progett ta’ l-Astronomija jigi imawgurat f’Mejju. Il-Kunsill qabel li ghandna ssir talba ghall-estensjoni u ma’ l-inawgurazzjoni ghal Mejju.

49.8.2 Progetti iehor huwa x-xogholijiet fuq Triq l-Isqof M. Molina. Is-Sindku qal li jridu jsiru konessjonjiet tas-servizzi. Fuq in-naha tal-lemin tat-triq saret il-konnessjoni

ta' l-ilma temporanja.

Xogholijiet ohra relatati mat-toroq li jridu jsiru hemm Triq Tumas Cassar fejn is-Sindku qal li dawn preferibilment isiru fl-istagun tas-sajf. Is-Sindku ssugerixxa li tinhareg offerta' ghax-xogholijiet tal-ilma biex ix-xogholijiet ikunu jisghu jsiru fil-hin stipulat. Gie spjegat ukoll li fi Triq Tumas Cassar irid jghaddi ukoll main minhabba l-progett tal-panelli. Is-Sindku qal li din l-offerta tal-panelli trid tigi ppublikata ghal wiehed u tletin gurnata minhabba l-istima marbuta maghha. Il-Kunsill qabel li tinhareg l-offerta ghax-xogholijiet ta' l-ilma u ma' l-offerta tal-panelli.

49.8.3 Miriam Borg staqsiet dwar x'ser isir minnhom il-bring-in-sites fejn is-Sindku qal li l-Kunsill ghadu qed jistenna minghand l-Ministeru ghal Ghawdex. Huwa zied jghid li l-Kunsill ghandu l-fondi u rridu naraw kif ser jintuzaw. Tonio Mifsud qal li huwa kontra li jkunu fejn qeghdin u li ghandha tinstab alternattiva ohra. Tkompliet id-diskussjoni fejn gie innotat li fejn huma qeghdin accessibli u jinzammu nodfa. Apparti hekk meta dawn kienu jinstabu fl-imawarrab kienu jispiccaw vandalizmu fejn kienu jinhargu u jithalla hmieg maghhom. Il-Kunsill kompla jiddiskuti u qabel li sakemm jinstab post alternattiv dawn ghandhom jibqghu fejn qeghdin u hekk kif jinstab post li l-Kunsill jaqbel mieghu dawn ghandhom jitharku ghal spiza tal-Ministeru ghal Ghawdex.

49.8.4 Is-Sindku spjega li l-progett ta' rinovar tal-playing field kellu jinbeda fl-ahhar ta' Jannar pero' minhabba li kien hemm xi haddiema mordna ma setghax jinghata bidu u ser jibda' l-gimgha d-diehla. Gie spjegat li bhala equipment diga qieghed ghand il-Kunsill.

**49.9 Offerti**

49.9.1 Gie spjegat li l-offerta tat-toroq taht il-Mizura 4.3qed tigi ppreparata sabiex tinhareg fuq is-suq u flimkien maghha ser tohrog ukoll dik tal-mizura permanenti li ghaliha l-Kunsill ha fondi min-naha tat-Transport Malta. Il-Kunsill qabel li bhala board jintuza dak tas-soltu jigifieri Miriam Borg, David Apap, Mark Causon u Franklin Farrugia.

49.9.2 Gie spjegat li l-offerta tal-librerija waslet issa ghal evalwazzjoni fejn bhala board taghha l-Kunsill qabel li jintuza dak imsemmi f'punt 49.9.1 jigifieri Miriam Borg, David Apap, Mark Causon u Franklin Farrugia.

49.9.3 Gie spjegat li l-offerta ta' l-evalwazzjoni ta' Latrina Pubblika awtomatika giet evalwata. Is-Sindku ssugerixxa li din il-materja tigi diskussa mall-Amministrazzjoni li qeghda tipprepara l-progett quddiem is-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu peress li dan il-post ghadu qed jigi implimentat.

## 49.9 Skeda ta' Pagamenti

49.9.1 L-iskeda tal-pagament giet approvata mill-Kunsill.

## 49.10 Materji ohra

49.10.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill qed ta' spiss jiltaqa' ma problema meta jigi biex jaghmel il-pagamenti. Dan ghal fatt li l-bank ghandu limitu ta' kemm ammont jigi trasferit kuljum u ghaldaqstant il-pagamenti jkollhom isiru fuq diversi granet flok f'gurnata wahda. Apparti dan il-Kunsill ikollu anke diffikulta' meta jigi biex ihallas il-pagamenti tal-progetti. Giet diskussa din il-materja fejn il-Kunsill qabel unanimament li ghandha ssir talba sabiex il-bank jgholli l-limitu ta' ammont li jigi trasferit kuljum ghal €100,000.00

49.10.2 Is-Sindku spjega li qed jinhass il-bzonn li l-Kunsill ikollu generator tieghu li jservi ukoll ghall-iskola fejn dan jista' jitpogga f'post mibni ghalih that il-parapett quddiem il-Kunsill. Tonio Mifsud qal li ma jaqbilx ghax ma jidhirx li qed jinqata' daqshekk id-dawl li jkun hawn bzonn ta' generator. Is-Sindku kompla jghid li dan ikun qed jintuza ukoll ghal waqt attivitajiet bhal Kite Festival fejn ma jkunx hemm provista ta' dawl kif ukoll li jkun *stand by* waqt attivitajiet. Fil-prezent waqt l-attivitajiet il-Kunsill ma jkollux ghazla ohra hlief li jikri wiehed u dan jiswa ammont ta' flus. Dan ikun jista' jintuza ukoll meta ikun hemm xi xoghol ta' manutenzjoni min-naha tal-korporazzjoni Enemalta minn zmien ghal zmien. Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni fejn qabel li ghandu jara x'qawwa jrid u x'tip ta' generator l-ahjar li jintuza u jekk ikun vijabbli dan ghandu jinxtara.

L-arblu ghal entratura tal-lokalita jinsab mat-triq u hekk kif jassal ghsndu jibda x- xoghol relatat minnu fih. Dan sabiex ikun imzanzan ghal festa tar-rahal din is-sena. Is-Sindku issugerixxa li nibdew nahsbu ghal bandiera li trid issir ghal ta' apposta. Il-kunsill qabel li ghandhom issiru l-arangamenti mehtiega.

## 49.11 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss

33.11.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar it-Tlieta 21 ta' Marzu 2022 fid-9.00am.

33.11.2 Il-laqgha spiccat fil-9.45am

Konfermati minn

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |